Kunsill Reġjun Punent

Local Government Building, Triq il-Gvern Lokali Marsa, Malta

E | Reġjun-punent.dlg@gov.mt T | 22266602

**L-Ewwel Leġislatura Reġjun Punent**

**Minuti** Numru **31**

Laqgħa tar-Reġjun Punent

Il-Kunsill Reġjonali Punent iltaqa' nhar it-Tlieta 13 ta' Frar, 2024 fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Local Government Building, Triq il-Gvern Lokali, Marsa, fil-17:30 ta' filgħaxija.

---

**PREŻENTI FIL-BINI AMMINISTRATTIV:**

President: Is-Sur Sandro Azzopardi

Il-Qrendi: Viċi President is-Sur David Michael Schembri

L-Imqabba Sindku s-Sa Marie Grace Zerafa

Ħal Safi Sindku s-Sur Johan Mula.

Iż-Żurrieq: Sindku s-Sa Rita Grima

**PREŻENTI B'MOD VIRTWALI:**

Ħaż-Żebbuġ: Sindku s-Sur Mark Camilleri

Is-Siġġiewi: Sindku s-Sur Dominic Grech

Ħal Kirkop: Sindku s-Sur Terence Agius

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

L-Imdina: Sindku s-Sur Peter Sant Manduca

Ħad-Dingli: Sindku Raymond Schembri.

Ir-Rabat: Sindku s-Sur Alexander Craus

Il-laqgħa ġiet ippreseduta mill-President Sandro Azzopardi u nfetħet fil-18:03 ta' filgħaxija.

**31.01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

Ir-Reġjun Punent irċieva apoloġija Skont Ordni Permanenti 14A (3) mingħand is-Sindki ta' l-Imdina is-Sur Peter Sant Manduca, ta' Ħad-Dingli is-Sur Raymond Schembri u is-Sindku tar-Rabat, is-Sur Alexander Craus. Fuq proposta tal-President, kien hemm qbil unanimu sabiex dawk il-membri mhux preżenti jitniżlu skużati.

**31.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 30;**

Il-President ressaq għal approvazzjoni il-Minuti tal-Laqgħa numru 30 li saret nhar is-16 ta' Jannar, 2024.

Sekondant: is-Sindku ta' Ħal-Safi, is-Sur Johan Mula.
Il-Kunsill qabel unanimament

**31.03 Komunikazzjoni mill-President**

31.03.01 Nhar is-16.01.24 irċivejna mingħand DLG Ċirkulari 01-2024 dwar 'Award of Service Contracts and Pegged Rates: 2024'.

31.03.02 Nhar is-16.01.24 irċivejna mingħand AKl Ċir AKL 2024/009 dwar '*URBACT ITN INFO DAY*' li saret nahr it-22.02.24 li għalija attendiet l-ADES.

31.03.03 Nhar is-17.01.24 irċivejna mingħand il-MITA l-BOQ tas-seminarju fejn ser ikunu qed jitwaħħlu l-Wifi u switches.

31.03.04 Nhar is-17.01.24 irċivejna PQ14973 fejn l-Onor Chris Said staqsiet lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u Gvern Lokali:

1. **Jista' l-Ministru jgħid kemm kienet l-ispiża ta' kull reġjun fuq il-ġbir tal-iskart matul is-sena 2023?**

l-Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv wieġbet li l-ispiża tar-Reġjun Punent għall-ġbir tal-iskart għas-sena 2023 kienet ibażżata fuq il-fatturi li rċieva mingħand il-Wasteserv (Tipping Fees) u tal-kuntrattur (Service Cost). Dan kien total ta' **€2,095,237.40**

**2. Kemm ġabar flus għall-ġbir tal-iskart kull reġjun mingħand il-Kunsill Lokali li jaqa' taħtu?**

Ir-Reġjun bgħatt fatturi lil Kunsilli Lokali għal-ispiża tal-ġabra tal-borża s-sewda (Mixed Service Cost), għat-Tipping Fee tal-borża l-bajda/Organic (Organic Tipping Fee), u għat-Tipping Fee tal-borża s-sewda. (Mixed Tipping Fee). Dan sar abbażi tal-istruzzjonijiet mogħtija mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali (DLG).Ir-Reġjun ġabar l-ammont ta' **€1,025,097.32**

**3. Jista' jgħid ukoll jekk kienx hemm differenza bejn dak li r-reġjun ġabar u dak li għandu jħallas għall-ġbir tal-iskart għal matul is-sena 2023?**

Din tfisser li hemm differenza ta' **€1,070,140.07** li r-Reġjun mhux qed jiġbor mill-Kunsilli Lokali.

**4. Jekk iva, minn fejn ser titħallas din id-differenza?**

Din id-differenza tasal għand ir-Reġjun permezz tar-rimborż li għandu jirċievi mingħand il-Wasteserv u l-PROs.

Apparti din, ir-Reġjun jiġi li ġabar l-flus kollha relatati mal-ispiża għall-ġbir tal-iskart.

31.03.05 Nhar it-18.01.24 kellna il-bord tal-PCRB fuq '*126-Objection SPD5/2023/035-Framework Contract for the Supply, Installation, Testing and Commissioning of Environmentally Friendly CCTV System across Different Localities in the Western Reginal Council*'. Dan inqata favur tagħna u l-bord qed issostni l-għoti lil-AIS Technology Ltd. Madanakollu rridu nistennew ghoxrin (20) gurnata ohra li huwa tali żmien li nistgħu nircievu xi oġġezzjoni fuq tali tender mil-Qorti.

31.03.06 Nhar it-18.01.24 irċivejna Ċir AKL 2024/010 dwar '*Mental Health First Aid Training 2024*' li ser isir f'Marzu 2024.

31.03.07 Nhar it-18.01.24 irċivejna invit mingħand il-Kunsill Malti għall-Arti għat-tnedija tal-pjan ta' azzjoni għas-sena 2024 li ser issir nhar il-Ħamis il-25.01.24 ġewwa 'The Grist, The Brewhouse'.

31.03.08 Nhar it-18.01.24 l-MFSA infurmawna li parti mill-għan tagħhom hu li jipprovdu edukazzjoni dwar litteriżmu finanzjarju f'kull lokal liċ-ċittadini li għandhom 60 sena permezz tal-programm tal-kampanja tagħhom.

31.03.09 Nhar id-19.01.24 irċivejna komunikat mingħand is-Sur Scerri rigward '*Walking and cycling signage*'. Wara li lestew l-laqghat, li jmiss hu l-pjanar u l-ittestjar tar-rotot kollha. Dawn ser jinħdmu f'żewġ fażijiet. L-ewwel ser jiġu installati fil-lokalitajiet ta' l-Mdina, Ħaż-Żebbuġ, is-Siġġiewi, ir-Rabat u Ħad-Dingli u wara iż-Żurrieq, Ħal Safi Il-Qrendi, Ħal Kirkop u l-Imqabba. Inforumana li hemm bżonn jiġi ikkonfermat li m'hemmx installazzjonijiet jew faċilitajiet prinċipali taħt l-art bħal pajpijiet tal-ilma, l-inji ta' l-enerġija u kejbils tat-telekomunikazzjoni.

31.03.10 Nhar id-19.01.24 irċivejna komunikat mingħand l-ERA sabiex nibdew niġbru fil-ġimgħa informazjoni mingħand il-Kunsilli Lokali fuq WEEE Tracking exercise 2024. Infurmajthom li dan mhux kompitu tar-Reġjun.

31.03.11 Nhar it-19.01.24 irċivejna Ċir AKL 2023/114 dwar survey mibgħut mill-AEIDL fuq '*SRPP - putting you in contact for the dissemination of the survey*'.

31.03.12 Nhar it-22.01.24 il-Manager tal-Kultura kellu laqgha mas-Sur Doublesin minn Metis li hi kumpanija li ġġib studenti biex ikollhom esperjenza ta' xogħol filwaqt li jitħarġu l-lingwa ingliża. Il-President informa li r-Reġjun wera interess sabiex ikollhu żewġ student tal-Erasmus għal xahar. Dawn bdew nhar il-05.02.24.

31.03.13 Nhar it-22.01.24 irċivejna l-ewwel allokazzjoni tas-sena 2024 li tammonta għal €166,666.66.

31.03.14 Nhar it-22.01.24 irċivejna mingħand DOC Cir12/2021 dwar regoli finanzjarji waqt il-ħrug ta' xi tender. '*Publication Obligations – 1st July 2023 to 31s December 2023 - SPD 5 - modifications below threshold and above threshold-financial*'.

31.03.15 Nhar it-22.01.24 saret laqgha dwar 'l-URBACT IV Innovative Transfer Networks Info day' li attendiet l-ADES. Is-sejħa tal-ITN ser tagħlaq fl-20.03.24.

31.03.16 Nhar l-24.01.24 irċivejna mingħand DG Vassallo gwida dwar l-irrekordjar tal-fondi mgħoddija mid-Diviżjoni lill-Kunsilli Reġjonali minflok lill-Kunsilli Lokali. Madanakollu ladarba il-flus jaslu għandna, il-President informa li r-Regjun ser jgħaddi l-flus lura lil DLG li kien hu li taħomna sabiex minn naħa tagħhom jagħtuhom lil kunsilli lokali rispettivi.

31.03.17 Nhar l-24.01.24 irċivejna mingħand il-PA jekk irridux nerġgħu nattivaw l-proċess għal-permess ta' Torre Dello Standardo. il-perit daħħal l-amenda fil-planning authority dwar it-Torre Dello Standardo.

31.03.18 Nhar il-25.01.24 is-Sa Giulia Borg bagħtitilna email li għandu jintbgħat kemm lis-Sindki kif ukoll lil Kunsilliera fi ħdan ir-Reġjun Punent rigward l-istudju fuq impatt soċjali. Ser ikunu qed issiru żewġ focus groups wieħed mas-sindki u ieħor mal-kunsilliera mill-Università ta' Malta sabiex jgħinu fil-ġbir ta' data għal dan l-istudju.

31.03.19 Nhar is-26.01.24 irċivejna li ser ikun hemm l-10 Summit Ewropew tar-Reġjuni u l-Bliet bejn 18-19.03.24 f'Mons, il-Belġju. Dan huwa Summit miftuħ għas-sindki, il-kunsilliera lokali, il-Presidenti reġjonali u mexxejja oħra, fejn se jiltaqgħu u jiddiskutu soluzzjonijiet għall-isfidi lokali.

31.03.20 Nhar is-26.01.24 irċivejna l-approvazzjoni mingħand is-Sur Tonna fuq id-Direct order biex ir-Reġjun Punent ikun jista joqgħod sa massimu ta' 5 snin ġewwa s-Seminarju sakemm jinħareġ u jiġi restawrat it-Torre Dello Standardo fejn ser jkunu l-uffiċini tar-Reġjun.

31.03.21 Nhar it-29.01.24 il-Manager tal-Iskart talab għal-ammont tan-nefqa totali għal ġbir tal-iskart goff mill-lokalitajiet rispettivi għas-sena 2023. Dan sar sabiex naraw jekk l-allokazzjoni tas-sena li għaddiet servitx jew le sabiex jitressaq il-każ mal-AKL u DLG.

31.03.22 Nhar it-30.01.24 irċivejna PQ 14973 – Kjarifika oħra dwar: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienet l-ispiża ta' kull reġjun fuq il-ġbir tal-iskart matul is-sena 2023? Kemm ġabar flus għall-ġbir tal-iskart kull reġjun mingħand il-Kunsill Lokali li jaqa' taħtu? Jista' jgħid ukoll jekk kienx hemm differenza bejn dak li r-reġjun ġabar u dak li għandu jħallas għall-ġbir tal-iskart għal matul is-sena 2023? Jekk iva, minn fejn ser titħallas din id-differenza? Risposta qegħda annessa ma' tqegħid ta' dokumenti.

31.03.23 Nhar it-30.01.24 irċivejna PQ15258 - Vetturi Abbandunati fil-Lokalitajiet. Din il-PQ ma taffetwax lir-Reġjun Punent izda lil kunsilli Lokali rispettivi. Risposta qegħda annessa ma tqegħid ta' dokumenti.

31.03.24 Nhar it-30.01.24 irċivejna PQ15814—L-Onor Bernice Bonello saqsiet lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u Gvern Lokal: Jista' l-Ministru jgħid liema Kunsilli Lokali kellhom Ambaxxatur taż-Żgħażagħ fil-Kunsill Lokali tagħhom bid-dritt li jattendi għal-laqgħat tal-Kunsill u jagħti din l-informazzjoni sena b'sena mis-sena 2020 sal-bidu tal-2024? Risposta qegħda annessa ma tqegħid tad-dokumenti.

31.03.25 Nhar it-30.01.24 il-Manigers tal-Ambjent u ta' l-Iskart għamlu laqgħa ma l-NGO Zibel sabiex jilddiskutu u jaraw x'jista isir sabiex innaqqsu fl-iskart fi hdan ir-Reġjun partikolarment fil-festi. Id-Diskussjoni kienet dwar 'Feast Data Collection and way forward on the voluntary 'awards' concept'.

31.03.26 Nhar il-31.01.24 gie iffirmat il-ftehim ma' Seminarju minhabba l-premises ta' Reġjun Punent. (Ftehim aness ma tqegħid to dokumenti).

31.03.27 Nhar it-31.01.24 il-Manager tal-Iskart bagħat ir-rapport ta' nofs is-sena (Jannar – Ġunju 2023) dwar l-operat tal-Kunsill Reġjonali f'termini ta' regolamenti dwar l-immaniġġjar tal-iskart. (Rapport qegħda annessa ma tqegħid ta dokumenti).

31.03.28 Nhar l-01.02.24 irċivejna l-aġenda tat-tnedija tal-Green Events Framework: A Sustainability Policy organizzata mill-Kunsill Reġjonali Lvant.

31.03.29 Nhar l-01.02.24 il-Manager tal-Iskart staqsa lil Era ghal statiostika fuq numru ta' spezzjonijiet, warning letters u kontravenzjonijiet fir-rigward tas-separazzjoni tal-iskart u konformita tal-iskeda fir-Reġjun.

31.03.30 Nhar l-01.02.24 ircivejna PQ15385 dwar Segretarji Ezekuttivi li ghandhom impjieg iehor jew dhul mal-Gvern.

31.03.31 Nhar it-02.02.24 irċvjena Ċir AKL 2024/012 li huwa Enemalta report fuq '*Street Lighting Demarcation Boxes*'. Is-Sur N. Zammit mil-Enemalta bgħat fuq is-sitwazzjoni sfortunata relatata man-numru kbir ta' ħsarat fid-dwal tat-toroq li qed iseħħu bil-maġġor parti minħabba l-kundizzjonijiet ta' temp ħażin (maltemp).

Din Inkludiet rapport dwar il-kaxxi tad-demarkazzjoni għal attenzjoni u linji gwida għall-kuntratturi biex jimxu magħhom. Dan sabiex meta jkun hemm ħsarat tiġi solvuta l-kwistjoni maljar kemm jista jkun.

31.03.32 Nhar it-02.02.24 ġejna invitati għal Konferenza dwar l-istudju tal-impatt soċjali mir-Reġjun Nofsinhar li ser issir nhar id-29.2.24 ġewwa Old Campus fil-Belt Valletta.

31.03.33 Nhar il-05.02.24 saret laqgha mal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi dwar il-Cleanup Regjonali li ser isir nhar l-24.02.24 b'kolaborazzjoni mal-kumpaija tal-KPMG. Filwaqt li Reġjun ser jassiti wkoll fi clean up li l-Kunsill ser jagħmel nhar 09.03.24 relata ma Jum is-Siggiewi.

31.03.34 Nhar il-05.02.24 bdiet taħdem mar-Reġjun l-EU / Local Fund Manager. B'hekk ir-Reġjun għandu full complimetnt ta' manigers. Nħarsu l-quddiem sabiex flimkien jikkoperaw u jaħdmu b'risq ill-lokalitajiet fi ħdan ir-Reġjun.

31.03.35 Ir-Reġjun irċieva stedina għal Tnedija ta' Premju Mara 2023/2024. Il-mara tista' tkun ta' kull età li permezz tas-sehem tagħha fis-soċjetà wettqet differenza f'ħajjet ħaddieħor u ħalliet impatt pożittiv.

31.03.36 Nhar il-05.02.24 irċivejna Contracts Circular No 02/2024. Dan jitratta regoli finanzjarji li r-Reġjun u Kunsilli lokali jridu jimxu magħhom meta jsir procurement.

31.03.37 Nhar is-06.02.24 ġejna mfakkra dwar Cir AKL 2023/045 dwar il-Fondi għall-Infurzar waqt l-Attivitajiet fil-Lokal mil-LESA. Il-Fondi li ma jkunux utilizati jistgħu jintalbu lura. Il-Kunsilli Reġjonali huma mitluba li jirrikonċiljaw il-fondi rikjesti tal-inqas kull tliet xhur.

31.03.38 Nhar is-07.02.24 irċivejna mingħand TM dwar awareness campaign li ser jorganizzaw – '*Transport Malta is looking into implementing a national education and awareness-raising campaign where the activities target all sectors of society*'. (Dokument ma tqegħid ta' dokumenti).

31.03.39 Nhar is-07.02.24 irċivejna l-istatistika dwar kontravenzjonijiet fuq l-iskart fir-Reġjun Punent fis-sena 2023.

31.03.40 Nhar is-07.02.24 irċivejna Ċir AKL 2024/013dwar Active Ageing and Community Care - Elderly Services Application updated application forms.

31.03.41 Nhar it-08.02.24 irċivejna skemi għall-Kunsilli Lokali 2024 li ġew mħabbra nhar it-Tlieta, 30.01.24 mis-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali, l-Onor. Alison Zerafa Civelli.

- **SPI/SCI/01/2024** - Espressjoni ta' Interess - Servizz ta' xogħlijiet għal żvilupp ta' Community Gardens fil-Lokalitjiet madwar Malta u Għawdex.
- **SPI/SCI/02/2024** - Komunitajiet aktar b'saħħithom u inklussivi.
- **SPI/SCI/03/2024** - Inizjattiva Finanzjarja - Lokalitajiet aktar Nodfa.
- **SPI/SCI/04/2024** - Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali.
- **SPI/SCI/05/2024** - Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali u Natalizji 2024/2025.

31.03.42 Nhar id-09.02.24 u 12.02.24 sar it-taħriġ fuq '*Data Protection'* fejn ipparteċipaw 15-il persuna grazzi għad-Data Officer tar-Reġjun Dr Mula.

31.03.43 Nhar id-09.02.24 irċivejna Cir AKL 2024/014 dwar *'SRPP – putting you in contact for the dissemination of the survey',* Dan il-Kwestjonarju huwa dwar Social responsible public procurement. Ir-Rrżultati ta' survey mill-AEIDL (European Association for Innovation in Local Development - is a Brussels-based association that learns from and fosters community-led innovation to revitalise local communities across Europe) jinsabu annessi ma tqegħid ta' dokumenti.

31.03.44 Nhar l-10.02.24 infurmajt lil DG Vassallo li l-aħħar aplikanti għal-kariga ta' ES ħadd ma wera interess. Infurmajtu wkoll bis-sitwazjoni preżenti ta' DES u tlabtu triq il-quddiem. DG infurmani sabiex nidentifika Deputat Segretarju Eżekuttiv minn fost dawk eliġibbli (anki minn Kunsill ieħor). Jekk xorta ma jkunx hemm persuna identifikata, id-DGL ikollu jidentifika Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv.

31.03.45 Nhar it-12.02.24 irċivejna Cir AKL 2024/014 dwar '*The Master in Maltese Studies applications*'. Dan ser jibda f'Ottubru 2024.

31.03.46 Nhar it-12.02.24 irċivejna Cir AKL 2024/015 dwar Post Vakant fl-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali ta' Assistent Prinċipal Skala 11.

31.03.47 B'referenza għal SPI tal-'*Clean up*' li ser issir f'Settembru nixtiequ nkunu avżati liema Kunsilli Lokali ser ikunu qed jissieħbu mar-Regjun biex naplikaw flimkien. Din l-SPI tagħlaq nhar il-31 ta' Mejju.

31.03.48 Il-President informa li l-EU/Local Fund Manager gabet tagħrif dwar il-fond 'Availability of Development Planning Funds for Western Regional Council' u ħeggeg sabiex il-Kunsilli Lokali jaraw li tali fondi jintefqu għal gid tar-residenti u lokalitajiet tagħna.

31.03.49 L-ADES saqsiet dwar fejn wasal il-proċess ta' Zurrieq Joint Committees u ġejna infurmati li tinsab fi stadju ta' Ministeru sabiex titieħed deċiżjoni.

**31.04 Tweġibiet għall-mistoqsijiet.**

31.04.01 Nhar l-24.01.2024 il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop għamel referenza għall-imejl mibgħut mis-Sur Flores rigward proġetti fil-komunitajiet 2024. Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop jixtieq li jkun inkluż jekk ir-Reġjun ser ikun qed japplika għal din l-iskema f'isem il-lokalitajiet fi ħdanu. Il-President informa li bħalissa għad hemm għaddej il-progett ta CCTv Cameras. Din l-applikazzjojoni tagħlaq nhar is-16 ta' Frar.

31.04.02 Fuq talba tal-Viċi President, il-President ressaq għal approvazzjoni sabiex ir-Reġjun Punent jiffirima l-applikazzjoni tal-UIF Funds fuq proġett ta' Pavimenti ta' sqaqien ġewwa il-Lokalità tal-Qrendi. Dan sabiex il-Kunsill jibbenefika minn rifużjoni ta' 100%.

Sekondant: is-Sindku ta' l-Imqabba, is-Sa Grace Marie Zerafa
Il-Kunsill qabel unanimament.

**31.05 Tqegħid ta' Dokumenti/ rapporti**

- PQ14973 - L-ispiża ta' kull reġjun fuq il-ġbir tal-iskart matul is-sena 2023
- PQ 14973 - Kjarifika fuq il-PQ l-ispiża ta' kull reġjun fuq il-ġbir tal-iskart matul is-sena 2023
- PQ15258 - Vetturi Abbandunati fil-Lokalitajiet.
- PQ15814 - Liema Kunsilli Lokali kellhom Ambaxxatur taż-Żgħażagħ fil-Kunsill Lokali
- Ftehim iffirmat ma' Seminarju
- Waste Management Half-Yearly Report 1/ 2023
- TM - implementing a national education & awareness-raising campaign
- L-istatistika dwar kontravenzjonijiet fuq l-iskart fir-Reġjun Punent
- Riżultati ta' survey mill-AEIDL
- Rapport tal-Quarter 4
- Rapport għas-Sejħa ta' Assistent Prinċipal
- Rapporti tal-Manigers
- Kwotazzjoni RFQ135/2024 Request For Quotation for JMI
- Kwotazzjoni RFQ136/2024 Request For Quotation for the Supply and delivery of shrubs and trees
- Kwotazzjoni RFQ137/2024 Request For Quotation for supplis needed at the Seminary.
- Kwotazzjoni RFQ138/2024 Request For Quotation for ICT networking and installations
- Kwotazzjoni RFQ139/2024 Request For Quotation for fire alarm system and fire extinguishers
- Kwotazzjoni RFQ140/2024 Request For Quotation for fire airconditioning wall unit.
- Kwotazzjoni RFQ141/2024 Request For Quotation for Insurance Policy
- Kwotazzjoni RFQ142/2024 Request For Quotation for Maintenance needed for Seminary.
- Rapporti tal-Managers (tal-waste, ambjent, proġetti u IT).

**31.06 Approvazzjoni ta' Xiri**

31.06.1 Kwotazzjoni RFQ 135/2023 - Request For Quotation for JMI Delegation

Il-President informa li ntbagħtu tlett inviti għal kwotazzjoni li minnhom irċevejna tlett offerti. Il-President ippropona li tintgħażel l-irħas offerta.

Sekondant: Il-Viċi President u Sindku tal-Qrendi, is-Sur David M. Schembri
Il-Kunsill qabel unanimament

31.06.2 Kwotazzjoni RFQ 136/2023 – Request For Quotation for the Supply & delivery of shrubs and trees

Il-President informa li ntbagħtu erbatax invit għal kwotazzjoni li minnhom irċevejna tlett offerti. Il-President ippropona li tintgħażel l-irħas offerta.

Sekondant: Il-Viċi President u Sindku tal-Qrendi, is-Sur David M. Schembri
Il-Kunsill qabel unanimament.

31.06.03 Kwotazzjoni RFQ 137/2023– Request For Quotation for the supplies needed for Seminary

Il-President informa li ntbagħtu tlett inviti għal kwotazzjoni li minnhom irċevejna tlett offerti. Il-President ippropona li tintgħażel l-irħas offerta.

Sekondant: Is-Sindku ta' l-Imqabba, is-Sa Grace Marie Zerafa
Il-Kunsill qabel unanimament.

31.06.04 Kwotazzjoni RFQ138/2023 - Request for Quotation for ICT networking and Installations.

Il-President informa li ntbagħtu ħames inviti għal kwotazzjoni li minnhom irċevejna erbgħa offerti. Tnejn mil-offerti waslu tard għalkemm ma kienux l-orħos. Il-President ippropona li tintgħażel l-irħas offerta.

Sekondant: Is-Sindku taż-Żurrieq, is-Sa Rita Grima
Il-Kunsill qabel unanimament.

31.06.05 Kwotazzjoni RFQ139/24 - Request for Quotation for fire alarm system and fire extinguisher

Il-President informa li ntbagħtu tlett inviti għal kwotazzjoni. Il-President ippropona li tintgħażel l-irħas offerta ladarba jaghlaq zmien li jridu jibgħatu l-offerti.

Sekondant: Is-Sindku taż-Żurrieq, is-Sa Rita Grima
Il-Kunsill qabel unanimament.

31.06.06 Kwotazzjoni RFQ140/24 - Request For Quotation for 8 air conditioning wall units

Il-President informa li ntbagħtu tlett inviti għal kwotazzjoni li minnhom irċevejna offerta waħda biss sal-ħin ta' l-għeluq. Is-Sindku ta' Mqabba rrimarkat sabiex ir-Regjun jara li ma jkunx hemm spejjez addizjonali mil-kwotazjoni li rcivejna. Il-President ippropona li tintgħażel l-irħas offerta ladarba niccekjaw dak li rrimarkat is-Sindku ta' Mqabba.

Sekondant: Is-Sindku taż-Żurrieq, ia-Sa Rita Grima
Il-Kunsill qabel unanimament.

31.06.07 Kwotazzjoni RFQ 141/24 - Request for Quotation for insurance for leased work premises.

Il-President informa li intbagħtu erba' inviti għal kwotazzjoni. Il-President ippropona li tintgħażel l-irħas offerta offerta ladarba jaghlaq zmien li jridu jibgħatu l-offerti.

Sekondant: Is-Sindku ta Safi, is-Sur Johan Mula
Il-Kunsill qabel unanimament.

31.06.08 Kwotazzjoni RFQ 142/24 -Request for Quotation for maintenance doors & windows.

Il-President informa li ntbagħtu tlett inviti għal kwotazzjoni. Il-President ippropona li tintgħażel l-irħas offerta ladarba jaghlaq zmien li jridu jibgħatu l-offerti.

Sekondant: Is-Sindku ta Safi, is-Sur Johan Mula
Il-Kunsill qabel unanimament

## 31.07 Skeda tal-Pagamenti Nu.23

Il-President Sandro Azzopardi ressaq għall-approvazzjoni l-iskeda tal-Pagamenti Numru 23.

Proponent: Is-Sindku ta' l-Imqabba, is-Sa Grace Marie Zerafa
Sekondant: Is-Sindku taż-Żurrieq, ia-Sa Rita Grima
Il-Kunsill qabel unanimament.

## 31.08 Mozzjonijiet

### 31.08.01 Rapport Finanzjarju – Quater 4

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv flimkien mal-President ipreżentaw ir-rapport tar-raba' kwart tas-sena. Wara l-ispjega ta' l-accountant, il-President ippropona l-aprovazzjoni tar-raba' kwart.

Sekondant: il-Viċi President u Sindku tal-Qrendi, is-Sur David M. Schembri
Il-Kunsill qabel unanimament

### 31.08.02 Rapport Finanzjarju għas-sena 2023

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv flimkien mal-President preżentaw ir-rapport finanzjarju għas-sena 2023. Wara l-ispjega ta' l-accountant, il-President ippropona l-aprovazzjoni tar-Rapport Finanzjarju 2023.

Proponent: Is-Sindku ta' Ħal-Safi, is-Sur Johan Mula
Il-Kunsill qabel unanimament

31.08.03 **Approvazzjoni tar-rapport tal-bord dwar is-sejħa ta' Assistent Prinċipali**

Wara li ħarġet sejħa interna, ir-Reġjun irċieva applikazzjoni waħda biss. Il-Bord tal-ingaġġ kien magħmul mic-Chairperson il-Viċi President is-Sur David Schembri, mis-Sindku tar-Rabat, is-Sur Sandro Craus u mis-Sindku ta' Hal Safi, is-Sur Johan Mula.

Wara li saret l-intervista nhar it-23.01.24, AV ġabet biżżejjed marki biex timla din il-vakanza. Ir-rapport ta' l-għażla ġie mqiegħed quddiem il-membri tar-Reġjun. Il-President ippopona l-approvazzjoni ta' dan ir-rapport u ingaġġ ta' AV.

Sekondant: is-Sindku tar-Mqabba, is-Sa Grace Marie Zerafa.
Il-Kunsill qabel unanimament.

31.08.04 **Rapporti tal-Maniġers - Ottubru sa Dicembru 2023**

31.08.04.01 **Rapport tal-Maniġer tal-Iskart (Ottubru sa'Diċembru)**
Il-President ippreżenta għal approvazzjoni ir-rapport tal-Manager tal-Iskart.

31.08.04.02 **Rapport tal-Maniġer tal-Ambjent (Ottubru sa'Diċembru)**
Il-President ippreżenta għal approvazzjoni ir-rapport tal-Manager tal-Ambjent.

31.08.04.03 **Rapport tal-Maniġer tal-Proġetti (Ottubru sa'Diċembru)**
Il-President ippreżenta għal approvazzjoni ir-rapport tal-Manager tal-Proġetti.

31.08.04.04 **Rapport tal-Maniġer tal-IT (Ottubru sa'Diċembru)**
Il-President ippreżenta għal approvazzjoni ir-rapport tal-Manager tal-IT.

Il-President informa li minhabba li dawn ir-rapporti ma ntbghatux minn qabel, ser ikunu qed jintbagħatu sabiex il-membri jibgħatu il-kummenti tagħhom sa l-ahhar ta' Frar u se jerġgħu jittellgħu għall-approvazzjoni fil-laqgħa li ġejja.

31.08.05 **Proġetti 2024**

31.08.05.1 Il-President ressaq il-Pjan tal-progetti tal-Kultura (anness fi tqegħid ta' Dokumenti) quddiem il-membri billi spjega fid-dettal avvenimenti u għajnuniet lill-Kunsilli.

Sekondant: Is-Sindku ta' Ħal-Safi, is-Sur Johan Mula
Il-Kunsill qabel unanimament.

31.08.05.2 Il-President ressaq il-pjan tal-Maniġer ta' l-iskart 2024 li jinkludi:

- Jitkomplew il-clean ups Regjonali b'ewwel waħda se ssir f'14 ta' Frar.
- Issir seperazzjoni tal-iskart waqt il-festi b'ghajnuna għal valur ta' €16,000.
- Progett pilota ma' l-NGO Żibel.
- Sezzjonijiet edukattivi għat-tfal primarji u sekondarji proġett b' kollaborazzjoni flimkien mal-maniġer tal-Kultura €15,000
- Clean-ups intensivi ta' materjal kbir, mal-Kunsilli għal valur ta' €25,000
- Jitwaħħlu tabeli fejn hemm abbuzz u/jew 'Hotpots' għal valur ta' €5,000.

Sekondant: Is-Sindku taż-Zurrieq, is-Sa Rita Grima.
Il-Kunsill qabel unanimament.

*Kien hemm problemi b'internet u b'hekk is-Sindki Domnic Grech, Terence Agius u Mark Camilleri li kienu online ma kellhomx aċċess għal laqgħa.*

31.08.05.3 Il-President ressaq il-pjan tal-Maniġer ta' l-Ambjent 2024 li jinkludi:

- Tkomplija tat-tender ta' CCTV li preżentament qeda fiż-żmien sakemm jgħaddi iż-żmien ta' l-appell.
- Tkomplija tan-Nudge Active Travel ma' l-UOM
- Tkomplija ta' tħawwil ta' Sigar
- Tkomplija tal-inizjattivi favur aktar saħħa u Sigurta fit-toroq.
- Il-Maniger tal-Ambjent ippropona lill-President li għas-sena 2024 joħroġ sejħa għal-uffiċjal speċjalizzat (technical officer) fuq bazi Full time għal-kuntratt ta' sentejn u bi rwol definit. Dan sabiex ir-Reġjun ikun jista jassisti iktar lill-Kunsilli Lokali taħt id-dirrezzjoni tal-Maniger ta' l-Ambjent. Is-Sindku ta' l-Imqabba ipproponiet li parti minn xogħol ta' dan l-uffiċjal ikun li jiċċekja l-premesi tal-Awtorita' ta' l-Ippjanar u jinforma l-Kunsilli rispettivi. Il-President informa li se tkun qed titella waqt laqgha is-sejħa qabel tiġi maħruġa is-sejħa.

Sekondant: Is-Sindku taż-Żurrieq, is-Sa Rita Grima
Il-Kunsill qabel unanimament

31.08.06 **Sħubija ma l-organizzazzjoni tal-JMI**

Il-President qal li bejn it-28.01.24 sa 31.01.24 ir-Regjun Punent ospita l-organizazzjoni JMI u laqgħahom ma' organizzazzjonijiet differenti Maltin bħal aġenzija zagħżagħ kif ukoll ġo każini u għaqdiet li jinsabu fis-Reġjun Punent.

Il-President ippropona sabiex ir-Reġjun Punent jissieħeb ma’ din l-organizzazjoni li hi network globali li jipprovdu opportunitajiet għaż-żgħażagħ u tfal sabiex jiżviluppaw permezz tal-mużika. Il-President informa li din is-sħubija tamonta għal €800.

Sekondant: Is-Sindku Mqabba, is-Sa Grace Marie Zerafa.
Il-Kunsill qabel unanimament.

31.08.07 **ACR+ Membership Fee 2024**

Nhar il-25.01.24 irċivejna komunikat mil-AKL jekk ir-Reġjun hux interessat li jgedded il-polza tal-ACR+. Il_President qal lii l-Manager tal-Ambjent għarrfu li jekk €2770 jinqasmu bejn ir-Reġjuni kollha u l-AKL, dawn jinżlu għal €325. Din is-shubija hija meħtieġa għal-fondi u l-ACR+ tkun tista tipprovdi l-fora sabiex jiddentifikaw sħab ta’ kollaborazzjoni. Il-President ippropona sabiex ir-Reġjun Punent jissieħeb ma’ din l-organizzazjoni.

Sekondant: Is-Sindku Mqabba, is-Sa Grace Marie Zerafa.
Il-Kunsill qabel unanimament.

31.08.08 **Jum il-Ktieb 2024**

Il-President ippropona sabiex ir-Reġjun Punent jiċċelebra jum il-ktieb b’kolaborazjoni mal-Kunsilli Lokali b’allokazjoni ta’ Eur 500 kull Kunsill Lokali.

Sekondant: Il-Viċi President u Sindku tal-Qrendi, is-Sur David M. Schembri.
Il-Kunsill qabel unanimament.

31.08.09 **Tiġdied tar-reġistrazzjoni ta’ Drone**

Il-President ippropona sabiex ir-Reġjun Punent igedded din registrazjoni.

Sekondant: Is-Sindku Mqabba, is-Sa Grace Marie Zerafa.
Il-Kunsill qabel unanimament.

31.08.10 **Phoenicians Route – Membership Fee 2024**

Il-President ippropona sabiex ir-Reġjun Punent jingħaqad ma’ l-AKL u jissieħeb f’din is-sħubija ta’ €2K li tinqasam bejn ir-Regjuni nteressata.

Sekondant: Il-Viċi President u Sindku tal-Qrendi, is-Sur David M. Schembri.
Il-Kunsill qabel unanimament.

31.08.11 **Approvazzjoni għal qualification Allowance**

Il-President informa li nhar is-06.02.24 id-Direttur Ġenerali approva l-Qualification Allowance ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv u propona sabiex dan jingħata minn April 2022.

Sekondant: Il-Viċi President u Sindku tal-Qrendi, is-Sur David M. Schembri.
Il-Kunsill qabel unanimament.

**31.09 Materji Oħra**

31.09.01 ECAD Membership 2024

Il-President informa nhar it-18.01.24 irċivejna Ċir AKL 2024/011 dwar is-sħubija fl-ECAD għas-sena 2024. Huwa ippropona sabiex jissieħbu membri fejn il-benefiċċji li wieħed ikun membru f'din l-organizzazzjoni Dinjija, apparti l-prestiġju, ikun assoċjat ma' Organizzazzjoni fit-taqbida kontra d-droga, ikollu rata sussidjarja fuq parteċipazzjoni f'konferenzi, tqassim ta' materjal edukattiv fuq is-suġġett, kif ukoll 'lectures' u laqgħat li jsiru minn żmien għal żmien fuq l-aġġornament dwar il-ġlieda kontra d-droga u l-użu illeċitu ta' sustanzi oħra, speċjalment fuq livelli ta' tfal u żgħażagħ.

Il-membri tar-Regjun ma' qablux ma din is-sħubija.

31.09.02 Health & Safety Events

Il-President informa li kellu talbiet sabiex ir-reġjun jassisti b'għajnuna fuq '*risk assements*' f'avvenimenti tal-Kunsill Lokali. Huwa ipropona sabiex kull Kunsill Lokali jibbenefika minn zewg '*risk assements*'.

Sekondant: is-Sindku ta' Mqabba, is-Sa Grace Marie Zerafa.
Il-Kunsill qabel unanimament.

*Is-Sindku Mark Camilleri reġa' daħal lura online wara li ssewwiet il-ħsara*.

31.09.03 **Aktar Sigurta fit-toroq**

Il-President ipropona sabiex jassisti lil Pulizija tal-komunità b'2 E-scooters / e-bikes sabiex jaqdu aktar il-funzjonijiet fil-lokalitajiet, l-aktar dawk ta' wara l-mina. Dan sabiex huma jkollhom aktar għodod a dispożizzjoni sabiex inħarsu s-saħħa u sigurtà fit-toroq tal-lokalitajiet.

Il-membri kellhom diskussjoni twila dwar l-operat tal-pulizija tal-komunità iżda finalment il-voti kienu:

Voti Favur: Il-President is-Sur Sandro Azzopardi, u s-Sindki ta' Haż-Żebbug, is-Sur Mark Camilleri u ta' Hal-Safi is-Sur Johan Mula.

Voti Kontra: il-Vici President u Sindku tal-Qrendi is-Sur David M. Schembri; is-Sindki ta' l-Imqabba is-Sa. Grace Marie Zerafa u is-Sindku taż-Żurrieq is-Sa. Rita Grima.

Il-President informa li se jitlob laqgħa ma' l-ispettur Mark Cremona sabiex jiddiskuti is-sitwazzjoni ta' wara il-mina u jara kif jistghu jissolvu l-problemi li semmew is-Sindki. Dan anke fid-dawl li jemmen li l-Pulizija tal-Komunità huma ta benefiċċju kbir għal-Kunsilli Lokali u jaħseb li is-sitwazzjoni preżenti hija sforz ta' nuqqas ta' komunikazzjoni u/jew direzzjoni bejn iż-żewġ partijiet. Wara din terġa tittella' għal-vot tal-membri.

*Is-Sindku Domnic Grech reġa' daħal lura online.*

23.03.01 **Cat Shelter u affarijiet ancillari**

Il-President informa li kellu talbiet sabiex jassisti f'għajnuna għal Cat Shelter jew affarijiet anċillari u/jew inizjattiva favur ħarsien tal-annimali u l-ambjent. Ghaldaqstant ipropona fond ta' sa massimu ta' €500 għal kull Kunsill Lokali.

Sekondant: is-Sindku ta' Żurrieq, is-Sa Rita Grima
Il-Kunsill qabel unanimament.

23.03.02 **Fondi tal-Lesa**

Il-President semma l-importanza li ma jitlifux fondi li hemm mil-iskema tal-Lesa għal utilitazzjoni ta' Pulizija, Wardens jew CPD għal Kunsilli Lokali u NGOs. Wara li s-sena li għaddiet il-Kunsilli Lokali qablu li jingħataw Eur 5,000 kull sena għal-sentejn (mil-15.05.2023), il-president għarraf bil-bilanċi preżenti u talab lil Kunsilli Lokali sabiex filwaqt li jibgħatu kull sejħa li jkollhom dwar dawn it-talbiet ippropona sabiex għar-raba kwart tas-sena ir-Regjun għandu jevalwa x'fondi jkunu ittieħdu u fejn jara li l-kunsilli lokali mhux ser jeħduhom kollha, dawn għandhom jmorru fuq dawk il-kunsilli Lokali li għamlu talbiet aktar milli dak maqbul.

Sekondant: is-Sindku ta' Ħal Safi, is-Sur Johan Mula.
Il-Kunsill qabel unanimament.

23.03.03 **Bord ta' l-għażla għal-vakanzi ta' Full time Assisstant Clerk scale 16 u għal vakanza ta' Part Time cleaner/ messsanger scale 18.**

Il- President ippropona sabiex il-bord tal-għażla għandu jkun iffurmat mil-Viċi President u Sindku tal-Qrendi, is-Sur David M. Schembri u is-Sindku taż-Żurrieq is-Sa. Rita Grima u minnu fil-kariga ta Chairperson.

Sekondant: is-Sindku ta' Ħal Safi, is-Sur Johan Mula.
Il-Kunsill qabel unanimament.

**23.04 Tmiem il-laqgħa u data u ħin tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fit-20:30 u l-President informa li l-laqgħa għas-seduta li jmiss ser tinżamm nhar it-12 ta' Marzu, 2024 fil-17:30pm.

(Iffirmata)
______________________
Sandro Azzopardi
President Reġjun Punent

(Iffirmata)
_____________________
Elke Sgħendo
Deputat Segretarju Eżekuttiv

12 ta' Marzu, 2024

____________________
Ikkonfermati llum